MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 405/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera CGU Insurance plc ta' Perth Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Grand Prix Incorporation Limited skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim A014201)**

**vs**

**Sea Malta Company Limited proprio u bhala agenti u mandatarji tas-socjeta` estera Comesmar spa**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Mejju, 2003 l-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fl-14 ta’ Gunju, 2002, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta illi thallas is-somma ta’ elfejn, mija u erbgha u disghin lira Maltin (Lm2,194.00) rapprezentanti hsarat u nuqqasijiet minn konsenja ta’ ghaxar kartuni clothing u *travel-goods* li kellhom jaslu Malta fit-12 ta’ Novembru, 2001, abbord il-vapur MV Maltese Falcon liema merkanzija kienet giet originarjament mghobbija gewwa *trailer* ETM41.

Bl-ispejjez, u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn ecceppiet:

1. Illi l-kumpanija Sea Malta Company Limited proprio ma ghandha l-ebda relazzjoni ma’ l-atturi ghal dak li jirrigwarda l-merkanzija mertu ta’ din il-kaz;
2. Illi l-merkanzija giet konsenjata f’kundizzjoni tajba u bis-sigilli ntatti lill-kumpanija Express *Trailer*s Limited;
3. Illi l-kumpanija eccipjenti ma hijiex responsabbli ghal kull telf jew hsara li setghet soffriet il-merkanzija, liema telf u hsara huma, fi kwalunkwe kaz, kontestati;
4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta’ Grand Prix Incorporation Limited ta’ Bay Street, San Giljan, importat Malta hwejjeg u *travel-goods* tramite s-socjeta’ Express Trailers. Din is-socjeta’ ghabbiet il-merkanzija minn Londra, kellha titwassal sa’ Genova, u minn hemmhekk titghabba fuq il-vapur lejn Malta.

It-*trailer* telaq minn Londra bis-sigill numru AC003728 intatt u dahal fil-port ta' Genova u nghata lir-rapprezentanti tal-Multi Purpose Terminal, li huwa l-agent tas-Sea Malta go Genova. F'dak l-istadju s-sigill kien ghadu ntatt.

Meta t-*trailer* gie biex jitghabba fuq il-vapur irrizulta li s-sigill kien nieqes u kien hemm xi merkanzija illi kienet ukoll nieqsa. Ghalhekk is-socjeta' Comesmar, illi tiehu hsieb id-dokumentazzjoni tal-merkanzija ghan-nom tas-Sea Malta, ghamlet sigill gdid bin-numru Z412987. Dana baqa' ntatt sakemm infetah minn rapprezentanti ta' l-importatur u tad-Dwana hawn Malta.

Gol-*container* irrizulta li kien hemm zewg kaxxi merkanzija nieqsa u kien hemm ukoll xi kaxxi mcarrta b'xi hwejjeg neqsin. Sar *survey* ta' dawn l-oggetti u l-kumpanija mportatrici, Grand Prix Incorporation Limited giet risarcita fl-ammont ta' elfejn, mija u erbgha u disghin lira Maltin (Lm2,194) mis-socjeta' attrici, illi kienet qed tassigura l-merkanzija.

Wara d-debita surroga, s-socjeta' attrici issa qeda tfittex lis-socjeta' Sea Malta ghal dawn id-danni.

Minn naha l-ohra s-Sea Malta qeghda tghid li mhijiex responsabbli peress illi r-responsabbilta' taghha kienet biss *port-to-port*. Il-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur b'sigill gdid intatt u giet skargata bl-istess sigill intatt, ghalhekk ma kinitx responsabbli. Filwaqt illi jista' jkun li l-merkanzija gratilha l-hsara jew insterqet meta kienet fil-kustodja tal-Multi Purpose, dina hija azjenda kompletament differenti mis-Sea Malta u allura ma kellhiex tkun responsabbli, peress il-Multi Purpose hija kuntrattur indipendenti b'responsabbilta' separata.

Is-socjeta' attrici pero', qeghda tghid illi s-Sea Malta hija responsabbli peress illi l-Multi Purpose u l-Comesmar huma agenti taghha go Genova fejn saru n-nuqqasijiet u bhala tali ghandha terfa' r-responsabbilta'.

Ikkunsidrat:

Jidher illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-hsara jew serq sar fil-port ta' Genova, meta t-*trailer* kien taht il-kontroll tal-Multi Purpose. Irrizulta li l-Multi Purpose huma l-agenti tas-Sea Malta. Tant huwa hekk li l-istess Ray Darmanin, a Fol. 72, jikkonferma illi, "…dawn iz-zewg kumpaniji huma agenti taghna u jahdmu ghan-nom taghna."

L-istess jghid Francis Vella, Managing Director ta' l-Express Trailers (Fol. 35), "Irrid nispjega illi meta t-*trailer* jigi pparkjat fil-Multi Purpose Terminal, ma jkunx hemm agenti minn taghna imma jkun taht il-kustodja ta' l-agenti mqabbdin mis-Sea Malta…"

Il-kwistjoni li trid tindaga din il-Qorti hija safejn hija responsabbli s-Sea Malta ghall-agir jew nuqqas ta' l-agenti taghha fl-esteru.

Ikkunsidrat:

Meta t-*trailer* wasal fil-port ta' Genova, s-socjeta' Express Trailers ma kinitx libera li thallih taht il-kustodja ta' kwalunkwe burdnar illi dehrilha hi, imma kienet taht l-istruzzjonijiet illi thallih taht il-kustodja tas-socjeta' Multi Purpose, bhala agenti tas-Sea Malta illi kienet eventwalment ser iggorr it-*trailer* lejn Malta.

Il-Multi Purpose bhala ricevitur jew depositarju, kellha l-obbligu li tircievi l-oggett, tikkustodih u troddu lura kif inhu. Dan ma sarx. Tant hu hekk illi l-agenzija Comesmar, li wkoll kienet tirraprezenta lis-Sea Malta, baghatet fax fid-9 ta' Novembru, 2001, (Fol. 29) fejn kienet qeghda zzomm lis-socjeta' Multi Purpose responsabbli tan-nuqqasijiet illi kienu ser jirrizultaw fit-*trailer*, labarba rrizulta li l-merkanzija giet nieqsa meta t-*trailer* kien taht ir-responsabbilta taghhom.

Bhala agenti, din ir-responsabbilta' tghaddi fuq il-principal taghha u cioe' is-Sea Malta li kellha l-obbligu li tara li l-oggetti jew merkanzija tasal Malta fl-istess kondizzjoni li tirceviha. L-obbligu tas-Sea Malta ma kienx jibda biss fil-

mument li t-*trailer* jitla' fuq il-vapur, imma fil-mument li jigi taht il-kustodja ta' l-agenti taghha li jirraprezentawha f'dak il-port. Il-Multi Purpose, f'dak l-istadju ma kienx qieghed jagixxi ghalih innifsu imma bhala agent bis-setgha li jorbot lill-principal tieghu ghal dawk illi huma obbligazzjonijiet u responsabbiltajiet civili.

Jekk is-Sea Malta jidhrilha li l-Multi Purpose naqset fir-responsabbiltajiet taghha, din hija haga nterna bejnithom u ma taffettwax id-drittijiet ta' terzi. Darba dawn it-terzi ngarigaw lis-Sea Malta biex iwasslu l-merkanzija Malta, s-Sea Malta hija responsabbli biex taghmel dan u twassal il-merkanzija fi stat li tirceviha.

Dan l-istat jibda fil-mument li javveraw ir-responsabbiltajiet taghha, li jew terfahhom direttamanet jew tramite l-agenti. F'dan il-kaz ghandha zewg agenti gewwa Genova, wiehed il-Multi Purpose li jiehu hsieb it-*trailer* u l-Comesmar li tiehu hsieb id-dokumentazzjoni. Fi kwalunkwe kaz, is-Sea Malta bhala principal hija responsabbli civilment versu l-klijent taghha ghal inkolumita' ta' merkanzija illi tircievi f'idejha jew f'idejn l-agenti taghha.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza <u>Agius Agricultural Trading Limited vs Concorde International Freight Forwarders Limited</u> deciza mill Prim' Awla fl-14 ta' Ottubru, 2002, fejn il-Qorti kienet qalet li min igorr il-merkanzija huwa responsabbli ghal *upkeep* taghha.

Il-Qorti tirrileva illi s-socjeta' konvenuta hija mharrka personalment kif ukoll bhala agenta u mandatarja tas-socjeta' estera Comesmar. Peress illi rrizulta li s-socjeta' estera Comesmar mhijierx responsabbli f'din il-kawza, u terga' s-Sea Malta mhijiex agenta jew mandatarja tal-Comesmar imma vice versa, il-Qorti ma tistax issib lis-Sea Malta responsabbli f'din l-ahhar kwalita', izda tista' ssibha responsabbli proprio, l-ghaliex kienu l-agenti taghha fl-esteru illi naqsu fir-responsabbiltajiet taghhom bhala depozitarji biex jiehdu hsieb il-merkanzija fdata lilhom. Kif gie spjegat f'din il-kawza tali responsabbilta' tghaddi fuq is-Sea Malta bhala principal.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ Sea Malta sabiex thallasha s-somma ta’ elfejn, mija u erbgha u disghin lira Maltin (Lm2,194.00) rapprezentanti hsarat u nuqqasijiet minn konsenja ta’ ghaxar kartuni *clothing* u *travel-goods* li kellhom jaslu Malta fit-12 ta’ Novembru, 2001, abbord il-vapur MV Maltese Falcon liema merkanzija kienet giet originarjament mghobbija gewwa *trailer* ETM41.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.”

Kontra din is-sentenza s-socjeta` konvenuta ressqet dawn l-aggravji:-

1. Hi adempiet ruhha mal-polza tal-karigu billi ttrasportat u wasslet il-merkanzija fl-istess stat li fih tghabbiet;

2. It-*terminal operator* Multipurpose fil-port ta’ Genova ma huwiex agent taghha; in partikolari, ma kienx agent taghha ghall-finijiet ta’ l-istivar tal-merkanzija gewwa l-Port;

Ghall-ahjar analisi u rizoluzzjoni ta’ dawn l-aggravji huwa importanti li brevement tigi riprodotta esposizzjoni ta’ dawk il-fatti li jghoddu:-

(1) Il-merce *de quo* tghabbiet fi *groupage trailer* li telaq minn Londra ghall-port ta’ Genova. F’ dan il-port it-*trailer* ghadda fil-kustodja ta’ Multipurpose Terminal s. p. a. li maghha s-socjeta` Sea Malta kellha ftehim operattiv, esebit a fol. 78;

(2) Dan it-*trailer* tghabba fuq il-vapur “Maltese Falcon” tas-socjeta` konvenuta skond polza tal-kariku (esebita a fol. 17) kontenenti t-termini “*Received in apparent good order and condition*”;

(3) Meta t-*trailer* gie skarikat f' Malta nstabu n-nuqqasijiet reklamati. Sussegwentement sar maghruf li waqt li t-*trailer* kien fil-pussess tal-Multipurpose gie miksur is-sigill tieghu u derubat minn parti mill-kariku ta' fuqu. Skond kopja ta' *fax* esebita a fol. 29 is-socjeta` Comesmar, l-agenti tas-Sea Malta f' Genova, oltre li zammew lis-socjeta` Multipurpose responsabbli ghall-manumissjoni tal-merkankija, indikaw ukoll li s-sigill originarju gie sostitwit b' iehor gdid qabel ma t-*trailer* tghabba fuq il-vapur. Dan is-sigill gdid (Nru. Z412987) hu ndikat ukoll fuq il-polza tal-kariku;

Premessi dawn il-fatti, ma jidherx li huwa kontestat illi n-nuqqasijiet riskontrati fil-merce avveraw ruhhom meta t-*trailer* kien taht il-kontroll ta' l-operatur esteru Multipurpose fil-port ta' Genova. Nuqqasijiet konsistenti fis-serq ta' zewg kaxxi u tal-kontenut f' sitt kaxxi ohra. Ara xhieda ta' Kurt Caruana ghas-socjeta` attrici (fol. 32);

Is-socjeta` appellanti tikkampa d-difiza taghha tan-nuqqas ta' responsabilita` fuq il-portata tal-polza tal-kariku u tat-*tally sheet* (fol. 68) dimostanti l-prova li t-*trailer* tnizzel kif hekk tghabba u cjoe "*sealed*". Kif konswet, il-polza tal-kariku ssir bil-kollaborazzjoni tax-*shipper* u ta' l-agent tal-vapur. Ara xhieda ta' Ray Darmanin, Line Manager tas-Sea Malta, a fol. 74;

Skond ma jinsab stabbilit fl-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc, "il-polza tal-karigu taghmel prova bejn il-partijiet kollha interessati fit-taghbija, kif ukoll bejniethom u l-assiguraturi, bla hsara tal-prova kuntrarja." Ghaldaqstant "meta fil-polza tal-kariku jinghad li l-merkanzija giet ricevuta abbord f' kundizzjoni apparenti tajba, dan jikkostitwixxi ammissjoni da parti tal-vettur li hu rceva abbord fi stat tajjeb il-merkanzija, u fl-istess hin jimporta l-assunzjoni da parti tieghu ta' l-obbligazzjoni li jikkonsenja dik il-merkanzija fl-istess kondizzjoni fil-fini tal-vjagg. U jekk fil-mument tal-konsenja l-merkanzija tigi misjuba danneggjata, tinkombi lill-vettur il-prova li kienet ga f' dak

l-istat meta giet karikata, kif ukoll jaqa' fuqu l-piz tal-prova li ghal kwalunkwe raguni ohra hu mhux tenut ghal dik il-hsara." (**Kollez. Vol. XXXVII P III p 874**; "**Wilfred Mamo *nomine* -vs- Paul Mifsud**", Appell Kummercjali, 5 ta' Ottubru 1988). Dan isegwi l-hsieb traccjat fis-sentenza riportata a **Vol. XXIV P III p 829** u fejn kien sostnut illi "*il rilascio di una polizza di carico nella quale la merce viene descritta come apparentemente in buona condizione, mentre tale non è, rende il vapore responsabile della perdita di fronte al ricevitore.*";

Posta l-kwestjoni ezaminata fl-ambitu tas-suesposti enuncjazzjonijiet, huwa fatt illi kuntrarjament ghal dak li jinghad fil-polza de qua l-merkanzija fuq it-*trailer* u l-istess *trailer* ma tghabbewx "*in apparent good order and condition*". Dan il-fatt kien gja maghruf mis-socjeta` appellanti billi kien l-istess agent taghha f' Genova (Comesmar) li ha hsieb jibdel is-sigill tieghu u permezz ta' *fax* datat 9 ta' Novembru 2001, u qabel allura ma t-*trailer* tghabba fuq il-vapur (10 ta' Novembru 2001), zamm lill-operatur portwali (Multipurpose) responsabbli ghad-danni minhabba "*evidente manomissione di diversi colli*." Dan jinduci ghall-kwezit jekk allura s-Sea Malta, qua vettural, hijiex ezenti mill-htija ghan-nuqqasijiet li nstabu fil-merkanzija in ezami. Jidher li r-risposta ghal tali kwezit trid per forza tigi estratta mir-rapport guridiku li s-socjeta` appellanti kellha, u ghad ghandha, ma' l-operatur portwali f' Genova. Rapport guridiku kollegat mal-fazi antecedenti tat-taghbija tal-merce fuq il-vapur u konsistenti minn "*servizio sbarco – imbarco contenitori e Trailers su navi ro – ro*";

Mid-deposizzjoni tax-xhud Ray Darmanin (fol. 72) is-socjeta` Multipurpose hi agenti tas-Sea Malta, responsabbli ghal harsien u kustodja tat-*trailer* fil-port ta' Genova u responsabbli wkoll ghall-karikazzjoni tieghu fuq il-vapur. L-imsemmi operatur portwali jigi maghzul mis-socjeta` Sea Malta billi, ghalkemm ghandu funzjoni konsimili ghal Cargo Handling f' Malta, m' ghandux monopolju u mhux statutorjament imhares bhala l-uniku

kuntrattur portwali. Hu biss wieħed fost diversi operaturi (fol. 73);

Issa għall-korrettezza din il-Qorti ma tarax, mill-kontenut tal-kuntratt ta' ftehim bejn is-Sea Malta u Multipurpose (fol. 78) kif din ta' l-aħħar tista' strettament tiġi meqjusa bħala aġenti tas-Sea Malta. Dipendenti fuq il-kompiment ta' l-attivita` zvolta, is-socjeta` Multipurpose għandha aktar mill-figura ġuridika ta' kuntrattur portwali milli dik ta' aġent jew mandatarju veru u proprju. Id-differenzazzjoni hi ovvja u toħroġ mill-obbjettiv partikolari. Hekk mentri fil-każ ta' l-aġent l-attivita tiegħu hi rapprezentata minn negozju fl-interess tal-principal jew mandanti, fil-każ ta' l-operatur jew kuntrattur portwali l-attivita` zvolta hi waħda ta' ko-operazzjoni konsistenti fi prestazzjoni u twettieq ta' servizzi. Għaldaqstant fil-każ in ispecje s-socjeta` Multipurpose ma tistax tiġi kwalifikata bħala aġent in kwantu l-atti tagħha jirrigwardaw l-adempiment tas-servizz partikulari definit fil-ftehim, u cjoe, l-imbark u l-iżbark tal-merkanzija. Dan tant hu hekk li skond l-istess ftehim din is-socjeta` tassumi certi responsabilitajiet u riskji. Ara para. 1.1 tiegħu, trattasi ta' "*responsabilita civile per danni*";

Dan precizat, ma jfissirx, imbagħad, illi *vis-à-vis* ix-*shipper* jew ir-ricevitur tal-kariku, is-socjeta` konvenuta ma tagħmilx tajjeb għan-nuqqasijiet tal-kuntrattur portwali tagħha fl-esteru. Għal din il-Qorti dan l-argoment tas-socjeta` appellanti ma għandu l-ebda fondament. Dan għar-raġuni illi dak il-kuntratt ta' ftehim bejn is-Sea Malta u Multipurpose, u l-obbligi fih kontenuti ma jistax ħlief jitqiesu *res inter alios acta* għar-ricevitur. L-arrangamenti li daħlet fihom is-socjeta` konvenuta għandhom iva l-iskop li jirregolaw ir-rapporti interni tal-ġestjoni ta' l-affari bejn iż-żewġ socjetajiet fil-port ta' Genova iżda mhux ukoll li tiskolpa lis-socjeta` Sea Malta mir-responsabilita` tagħha fil-konfront tat-terzi ricevitur li f' dak il-kuntratt ma kienx immiskjat, u allura ma kienx lanqas vinkolat bih;

Fil-kaz partikolari l-obbligu tas-socjeta` konvenuta tal-garr tal-merkanzija ma kienx jibda biss mill-mument li fih it-*trailer* tghabba fuq il-vapur izda kien jinvolvi wkoll il-fazi antecedenti ghall-istess taghbija meta t-*trailer* kien taht il-kura u l-harsien ta' l-operatur portwali taghha u li mieghu hi volontarjament ikkuntrattat. Jekk hi jidhrilha, kif hekk fil-fatt jirrizulta gja mill-atti, li ghandha zzomm dan l-operatur taghha responsabbli ghan-negligenza tieghu, *qua* depozitarju tal-kariku, dan tista' taghmlu liberament, imma dan ma jgibx ukoll illi hi skansata minn htija fil-konfront ta' l-importatur tal-merce jew ta' l-assiguratur tieghu. Ir-rizultat *del facere* jew *del non facere* ta' l-operatur gie sew stabbilit. Rizultat li kien kontrattwalment jinteressa ir-relazzjoni interkorrenti bejn is-socjeta` appellanti u l-istess operatur. Rizultat li gab mieghu f' termini rizarcitorji dannu lit-terz li kien estraneu ghal dik l-istess relazzjoni;

In vista ta' din il-konkluzjoni mhux il-kaz li din il-Qorti, kif giet mistiedna taghmel mis-socjeta` appellanti, twarrab id-decizjoni appellata, anke ghaliex din hi nieqsa minn vizzji tal-gudizzju dwar il-fatti u l-ligi applikabbli.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, konfermata bl-ispejjez anke ta' din il-procedura jitbatew mis-socjeta` Sea Malta Company Limited *proprio*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------